C/2024/7386

6.12.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/7386)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Tihany / Tihanyi"

PDO-HU-A1503-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 27.9.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. Żieda fir-rekwiżit tal-aċidità minima

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura II. Deskrizzjoni tal-inbejjed (il-punt 4 tad-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Il-livell ogħla ta' aċidità jiżgura l-freskezza u l-vivaċità tal-inbejjed Tihanyi rożè.

2. Tnaqqis fir-rekwiżit tal-qawwa alkoħolika totali minima

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura II. Deskrizzjoni tal-inbejjed (il-punt 4 tad-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Il-qawwa alkoħolika aktar baxxa tiżgura l-freskezza u l-vivaċità tal-inbejjed Tihanyi rożè.

3. Awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' nbid magħmul esklużivament mill-varjetà ta' dwieli Syrah

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura III. Prattiki enoloġiċi speċifiċi (ma taffettwawx id-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Sabiex tiġi ssodisfata d-domanda tas-suq, nixtiequ nippermettu l-introduzzjoni fis-suq ta' nbid magħmul esklużivament mill-varjetà ta' dwieli Syrah billi nħassru r-rekwiżit li ġej: L-inbid magħmul mill-varjetà ta' dwieli Syrah jista' jiġi introdott fis-suq biss meta jitħallat ma' nbejjed magħmula minn varjetajiet oħra ta' dwieli.

4. Applikazzjoni tal-istess rekwiżiti għall-varjetà ta' dwieli Pinot Noir bħal dawk li japplikaw għal varjetajiet ta' dwieli simili

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura III. Prattiki enoloġiċi speċifiċi (il-punt 5.1.3 tad-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Nixtiequ narmonizzaw u nissimplifikaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni billi nissuġġettaw il-varjetà tal-għeneb Pinot Noir għall-istess rekwiżiti bħal dawk għall-inbejjed magħmula mill-varjetajiet Kékfrankos, Kékoportó u Zweigelt. Ir-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kwalità tal-għeneb fil-ħsad li kienu stabbiliti qabel għall-varjetà Pinot Noir tħassru.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

5. **Tħassir tar-rekwiżit li d-data tal-ħsad tiġi ddeterminata mill-president tal-komunità tal-inbid**

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura III. Prattiki enoloġiċi speċifiċi (ma taffettwawx id-Dokument Uniku)

Raġunijiet: B'dan it-tħassir, nagħtu lill-kantini tal-inbid l-opportunità li jiddeċiedu huma stess meta għandha tkun id-data tal-ħsad, suġġett għal kontrolli, skont it-tip ta' prodott li jixtiequ jipproduċu.

6. **Żieda fir-rendiment massimu minħabba bidliet fid-densità tad-dwieli**

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura V. Rendimenti massimi (il-punt 5.2 tad-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Id-densità tad-dwieli fiż-żona tal-produzzjoni nbidlet b'mod sinifikanti minħabba l-programm ta' ristrutturar ta' dawn l-aħħar snin. It-telf massimu permissibbli tad-dwieli huwa rregolat mil-leġiżlazzjoni. L-għadd ta' dwieli indikat fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott oriġinali ma nbidilx.

7. **Restrizzjoni tal-produzzjoni għar-reġjun tal-vitikultura Balatonfüred-Csopak**

L-intestaturi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u tad-Dokument Uniku) affettwati:

l-Intestatura VIII. Rekwiżiti oħra (il-punt 9 tad-Dokument Uniku)

Raġunijiet: Ir-restrizzjoni taż-żona tal-produzzjoni tal-prodott se tgħin biex tittejjeb it-trasparenza tal-kontrolli, fl-interess taż-żamma tal-protezzjoni u l-kwalità.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Tihany / Tihanyi

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. *Rożè*

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed rożè jvarjaw fil-kulur minn roża ċar sa vjola ċar, sa lewn is-salamun ċar (kulur il-qoxra tal-basal).

Ir-riħa tagħhom hija kkaratterizzata minn aromi ta' frott ta' intensità moderata.

It-togħma tagħhom hija friska, b'aċidità vivaċi u mingħajr ebda traċċa ta' aromi u togħmiet derivati mit-tqaddim fil-btieti.

Rekwiżiti analitiċi:

Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): 10,5

— Aċidità totali minima: 4,6 g/l espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 18

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

2. *Aħmar*

DESKRIZZJONI QASIRA

Inbejjed ħomor friski u b'togħma ta' frott:

L-inbejjed ivarjaw fil-kulur minn lewn ir-rubin ċar, sa lewn ir-rubin aktar qawwi, sa lewn ir-rubin skur.

Ir-riħa tagħhom għandha element qawwi ta' frott, f'ċerti każijiet b'aromi pikkanti.

Għandhom togħma żagħżugħa ta' frott b'aċidità vivaċi u bi ħjiel ta' ballut u tannin, u tipikament ikollhom qawwa alkoħolika baxxa u struttura lixxa.

Inbejjed ħomor ta' korporatura medja u b'korportura sħiħa:

L-inbejjed ivarjaw fil-kulur minn lewn ir-rubin aktar qawwi, sa lewn ir-rubin skur, sa lewn il-granata ċara.

Ir-riħa tagħhom hija pikkanti ħafna u ta' frott.

Minbarra l-karattru tal-frott jew f'ċerti każijiet minerali tagħhom, għandhom qawwa alkoħolika medja jew xi kultant għolja. Normalment ikollhom struttura bellusija. Il-kwalità prinċipali tagħhom hija li l-kontenut ta' tannini mhuwiex sinifikanti, lanqas fil-każ tal-cuvées.

Rekwiżiti analitiċi:

Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): 12

— Aċidità totali minima: 4,6 g/l espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 20

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tal-inbejjed

1. L-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid ta' oriġini protetta jrid jiġi pproċessat fil-jum tal-ħsad. L-għeneb irid jiġi pproċessat separatament minn għeneb ieħor.

2. Meta jiġu prodotti nbejjed ta' oriġini protetta, mhuwiex permess li jiżdied il-kontenut taz-zokkor tal-most, ħlief għall-varjetajiet li ġejjin: Kékfrankos, Zweigelt, Kékoportó u Pinot Noir.

3. Meta jiġi prodott inbid aħmar, il-fermentazzjoni fuq il-qxur u l-maturazzjoni fil-btieti tal-injam huma obbligatorji.

2. Regoli dwar il-produzzjoni tal-għeneb

Prattiki tal-kultivazzjoni

(a) Il-metodu tal-kultivazzjoni tad-dwieli u d-densità tat-tħawwil:

(i) vinji ġodda: cordon (baxx, medju-għoli, għoli)

(ii) densità tat-tħawwil: minimu ta' 4 000 dielja/ha

(iii) distanza minima bejn id-dwieli: 0,8 m

(iv) fil-każ ta' vinji mħawla qabel l-1 ta' Jannar 2009, l-inbejjed Tihanyi jistgħu jsiru minn għeneb prodott f'vinji bl-użu ta' kwalunkwe metodu ta' kultivazzjoni u densità tat-tħawwil li kienu approvat qabel sakemm il-produzzjoni tkompli fil-vinja.

(b) Metodu tal-ħsad: huwa permess kemm il-ħsad manwali kif ukoll il-ħsad mekkaniku

3. Kwalità tal-għeneb fil-ħsad

Prattiki tal-kultivazzjoni

Kwalità tal-għeneb (kontenut minimu ta' zokkor espress bħala qawwa alkoħolika totali):

(i) Cabernet Franc, Cabernet Sauvignon, Merlot, Syrah: 12,08 % vol. (19 °MM [grad tal-most Ungeriż])

(ii) Kékfrankos, Kékoportó, Zweigelt, Pinot Noir: 10,97 % vol. (17,5 °MM [grad tal-most Ungeriż])

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Inbid rożè, aħmar (inbid ġdid fuq il-karfa)

63 ettolitru għal kull ettaru

2. Inbid rożè, aħmar

9 000 kg għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żoni tal-muniċipalità ta' Tihany ikklassifikati fil-Klassi I skont il-katast tal-vinji

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Cabernet Franc - Cabernet

Cabernet Franc - Carbonet

Cabernet Franc - Carmenet

Cabernet Franc - Gros Cabernet

Cabernet Franc - Gros Vidur

Cabernet Franc - Kaberne Fran

Cabernet Sauvignon

Kékfrankos - Blauer Lemberger

Kékfrankos - Blauer Limberger

Kékfrankos - Blaufränkisch

Kékfrankos - Limberger

Kékfrankos - Moravka

Kékoportó - Blauer Portugieser

Kékoportó - Modry Portugal

Kékoportó - Portugais Bleu

Kékoportó - Portugalske Modré

Kékoportó - Portugiser

Merlot

Pinot Noir - Blauer Burgunder

Pinot Noir - Kisburgundi Kék

Pinot Noir - Kék Burgundi

Pinot Noir - Kék Rulandi

Pinot Noir - Pignula

Pinot Noir - Pino Csernüj

Pinot Noir - Pinot Cernii

Pinot Noir - Pinot Nero

Pinot Noir - Pinot Tinto

Pinot Noir - Rulandski Modre

Pinot Noir - Savagnin Noir

Pinot Noir - Spätburgunder

Syrah - Blauer Syrah

Syrah - Marsanne Noir

Syrah - Serine Noir

Syrah - Shiraz

Syrah - Sirac

Zweigelt - Blauer Zweigeltrebe

Zweigelt - Rotburger

Zweigelt - Zweigeltrebe

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

L-istruttura aċiduża misjura u espressiva u t-togħma minerali enfatika tal-inbejjed huma r-riżultat tal-kontenut minerali għoli tal-ħamrija tal-Peniżola ta' Tihany. Id-dawl tax-xemx rifless mil-lag baxx isaħħan l-għoljiet b'mod uniformi fir-rebbiegħa, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet konsistenti matul il-perjodu tat-tirħis. Peress li l-aħħar jum fejn ikun hemm il-ġlata jseħħ kmieni fil-Peniżola ta' Tihany, hemm inqas riskju ta' ġlata fir-rebbiegħa fir-reġjun tal-vitikultura; konsegwentement, it-tkabbir tar-rimjiet huwa uniformi u kull sena tiżviluppa biżżejjed erja tal-faxxina, li tirriżulta f'maturazzjoni ottimali tal-għeneb.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Produzzjoni barra miż-żona ta' produzzjoni demarkata

Qafas legali:

Mill-organizzazzjoni responsabbli li timmaniġġa d-DOP/l-IĠP, fejn stabbilit mill-Istati Membri

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Produzzjoni barra miż-żona ta' produzzjoni demarkata: iż-żona demarkata tar-reġjun tal-vitikultura Balatonfüred-Csopak.

Regoli dwar l-indikazzjonijiet

Qafas legali:

Mill-organizzazzjoni responsabbli li timmaniġġa d-DOP/l-IĠP, fejn stabbilit mill-Istati Membri

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

(a) Kwalunkwe varjazzjoni fl-isem ta' unità ġeografika iżgħar li tinkludi s-suffiss "-i" għad-derivazzjoni tal-aġġettiv bl-Ungeriż tista' tintuża bħala indikazzjoni.

(b) Il-kelma "rozé" tista' tiġi sostitwita bil-kelma "rożè".

(c) "Küvé" jew "cuvée" tista' tintuża biex tindika nbid prodott bit-taħlit ta' żewġ varjetajiet ta' dwieli jew aktar.

(d) L-espressjoni "védett eredetű bor" [inbid ta' oriġini protetta] tista' tintuża minflok l-espressjoni "oltalom alatt álló eredetmegjelölés" [denominazzjoni ta' oriġini protetta].

(e) Is-sena tal-vendemmja, u l-varjetà jew il-kelma "küvé" jridu jiġu indikati fuq it-tikketta.

(f) Il-kelma "barrique" tista' tintuża biss fuq inbejjed ħomor immaturati fi btieti tal-ballut għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur.

(g) Il-logo li ġej għandu jitqiegħed fuq it-tikketta tal-inbid Tihanyi.

(h) L-unitajiet ġeografiċi iżgħar li jistgħu jiġu indikati u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom:

  (i) Farkasverem dűlő

  (ii) Lapi dűlő

  (iii) Hosszúhegy

  (iv) Ráta dűlő

  (v) Óvári szőlők

  (vi) Cserhegy

  (vii) Jekk l-isem tal-lokalità huwa indikat fuq it-tikketta, 100 % tal-għeneb użat bħala materja prima għall-inbid irid joriġina mil-lokalità indikata.

Termini tradizzjonali protetti

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

It-terminu tradizzjonali li ġej jista' jintuża bħala sinonimu għat-terminu "denominazzjoni ta' oriġini protetta": "védett eredetű bor" [inbid ta' oriġini protetta]

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://boraszat.kormany.hu/download/f/f2/f2000/Tihany%20OEM%20term%C3%A9kle%C3%ADr%C3%A1s%202%20v%C3%A1ltozat%202017%20kn.pdf